MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru 718/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**VS**
**OMMISSIS A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ommissis A ta` X-il sena, bin Ommissis, imwieled Pieta, nhar Ommissis Z, residenti Ommissis R, detentur tal-karta ta` l-identita` numru Ommissis ID.

Illi huwa akkuzat:

Talli fis-6 ta` Gunju, 2010 fil-3.45am gewwa Plush Lounge, Triq San Gorg, San Giljan,

1. B`eghmil zieni, ikkorrompa persuna ta` taht l-eta` u cioe` Ommissis B ta` Ommisis sena;

2. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Ommissis B;

3. Offenda l-pudur jew il-morali, b`eghmil li ghamel f`lok pubbliku jew f`lok espost ghall-pubbliku;

F`kaz ta` htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Ommissis B ai termini ta` l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ir- rinunzja ta' l- kwerelanti fil-verbal datat 18 ta` Frar, 2011

Ikkunsidrat :

Din il- kawza tirrigwarda akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni ta' tifla ta' sbatax (17) il- sena, akkuza ta' attentat vjolenti ghal- pudur u reat ta' offiza fuq il- pudur jew morali b'ghemil f' lok pubbliku minnl- imputat li wkoll kien minorenni meta sehhu l- allegati reati.

Illi din l- Qorti semghet lill- minuri fil- kors ta' *video conference* u taghraf li dak kollu li gara, sehh go *restroom* ta' stabbiliment kummercjali liema *restroom* kienet imsakkra. Ghalhekk, skond il- gurispudenza tal- Qrati taghna, certament ma jirrissalix l- element pubbliku illi jaghmel dawn l- offizi prosegwibbli ex officio ara **Pulizija Vs Toni Bezzina deciza fi 17 ta' Mejju, 1952 App. Krim per Imhallef Dr William Harding; Il- Pulizija Vs Gerald Buttieg,deciza fil 29 ta Jannar 1955 App. Krim. Per Imhallef Harding; ara wkoll Il- Maesta' tar- Regina Vs**

**Mikiel Azzopardi deciza 20 ta' Ottubru, 1953 App. Krim. per Imhallfin Camilleri, Montanaro Gauci u Harding.**

Illi fil-kors tax- xhieda tal- minuri ( li meta ideponiet fi 18 ta' Frar, 2011 kienet lahqet saret maggiorenni), hija uriet ix- xewqa li tirrinunzja ghal- azzjoni kriminali anki wara li giet imwiddba minn din l- Qorti fuq il- konsegwenzi irrevokabbli ta' tali rinunzja. L- istess ghamel missierha li wkoll gie avzat bl- istess konsegwenzi irrevokabbli ta' rinunzja skond il- Ligi.

Ghal- dawn il- mottivi u nvista ta' rinuncja ghal- azzjoni kriminali da parti taz- zewg kwerelanti, in vista ta' l- fatt illi ebda ghemil mhux xieraq ma gara f' post pubbliku jew post espost ghal- pubbliku, l- Qorti issib lil imputat mhux hati ta' tielet (3) akkuza u tilliberah, waqt li tiddikjara li, ghal fini ta l- ewwel u t- tieni akkuza, il- procediment huwa ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------